MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 313/2009

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fis-6 ta’ Dicembru 2003 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq

id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-konvenut kien milqut b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif kontemplat ukoll fl-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-konvenut, ghalkemm mhux interdett jew marid b'mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg kif kontemplat fl-artikolu 19 (1) (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ghalhekk, iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fis-6 ta' Dicembru 2003 ghar-ragunijiet fuq premessi.

Tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' C D, li in forza taghha, eccepixxa:

Illi z-zwieg tas-6 ta' Dicembru 2003 bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null mhux ghar-ragunijiet imsemmija mir-rikorrenti izda ghal ragunijiet imputabbli unikament lilha hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori u ghaldaqstant l-

ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati unikament mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

“*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe’ li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta’ l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe’ li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega*,” (“**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**”, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Jannar, 2006).

Ikkunsidrat illi l-partijiet f’din il-kawza zzewgu fl-2003 wara gherusija ta’ sitt snin. Ghexu flimkien ghal hames snin sakemm infirdu. Mill-ftit provi prodotti jirrizulta illi meta zzewweg l-intimat ma kellu ebda intenzjoni li jifforma dik l-unjoni ta’ hajja u mhabba li tikkostitwixxi zwieg. L-agir tieghu ezatt wara zwieg jixhed dan. Baqa’ jghix hajja ta’ guvni, johrog wahdu, fil-bars u fil-kumpanija tal-hbieb. Tant hu hekk li oht l-istess rikorrenti tikkonferma illi r-ragel ta’ ohtha kien iwissiha biex ma tmurx fejn ikun hu qieghed jiddeverti ma’ shabu.

“*Dana d-difett – is-simulazzjoni tal-kunsens – gie ezaminat f’diversi sentenzi ta’ din il-Qorti (ara, inter alia, “Anna Galea vs. John Walsh”, (30 ta’ Marzu, 1995) u “Dr. Stephen Muscat vs. Maria Borg Grech”, (14 ta’ Awissu, 1995). Biex jirrizulta dana d-difett irid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi f’kawzi civili, li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-parti in kwistjoni (jew iz-zewg partijiet jekk l-allegazzjoni tkun fil-konfront tal-kunsens tat-tnejn) tkun*

*eskludiet b'att pozittiv tal-volonta' iz-zwieg innifsu jew element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg*," ("**Josette Spiteri nee' Scicluna vs George Spiteri**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar, 2001).

*"Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f'dan is-sens **Muscat vs Borg Grech noe**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb "Il consenso nel matrimonio canonico" (Ediz. 1968 pagna 92),*
*"Nell'animo del nubente, perche' si abbia simulazione... occorre che vi sia non un'assenza della volonta' matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta' di escludere*", ("**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2009).

"*Ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali)*", **("Dr Stephen Muscat noe vs Maria Borg** Grech", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-14 ta' Awissu, 1995).

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*", ("**John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002).

Fid-dawl ta’ dan l-insenjament, ghaldaqstant, il-Qorti tqis li r-rikorrenti rnexxielha tipprova dak li qed tallega.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-6 ta’ Dicembru 2003 huwa null u bla effett;

2. Tilqa’ ukoll it-tieni talba.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------